**7 ta' Awissu, 1958**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Kaptan Charles Pace

*versus*

Joseph Tonna ne

**Sekwestru — Ingunzjoni ghad-Depożitu — Dikjarazzjoni tas-Sekwestratarju — Integrità tal-Gudizzju — Kjamata fil-Kawża — Art. 379, u 380 tal-Kap. 15.**

*Is-sekwestratarju li jkun jirrisjedi fil-Gżira fejn tkun tinsab il-Qorti li toħroġ mandat ta' sekwestru għandu, jekk ikun interpellat b'ittra uffiċjali għal daqs hekk, jagħmel dikjarazzjoni dwar xi flejjes jew ħwejjeġ oħra li huwa jkollu ta' pertinenza tas-sekwestrat, f' żmien erbgħa tijiem, lir-Reġistratur tal-Qorti li tkun spediet il-mandat, kemm il-darba huwa ma jkunx għamel dik l-istess dikjarazzjoni lill-marixxall eżekutur fil-waqt tal-eżekuzzjoni tal-mandat; u fin-nuqqas li jagħmel dan, huwa preżunt mill-liġi li fil-fatt hu jkun jippossjedi flejjes jew oġġetti oħra konnessi mal-att eżegwit.*

*L-eżekutant, ukoll, jista' jintima lis-sekwestratarju per mezz ta' att proċedurali "ad hoc" biex jiddepożita l-flejjes u oġġetti oħra tas-sekwestrat, jew jista' minn jeddu, jekk ma jkunx irid iżomm dawk il-flejjes jew ħejjeġ oħra, jiddepożitahom il-Qorti, salv li jinnotifika bid-depożitu lill-eżekutant u lid-debitur.*

*Imma l-preżunzjoni fuq imsemmija hija "juris tantum", u tista' tiġi kontraddetta bi provi u bi preżunzjonijiet kuntrarji. Fil-kawża, mbgħad, li jagħmel il-kreditur kontra s-sekwestratarji biex dawn jiddepożitaw il-flus jew oġġetti oħra li huma preżunti jkollhom fil-poter tagħhom, għax la għamlu d-dikjarazzjoni fuq imsemmija u lanqas id-depożitu, meta kienu ġew għal hekk interpellati, il-kreditur mhux obligat iħarrek anki lis-sekwetrat, u l-ġudizzju jibqa' integru mill-mument li jieħdu parti fih dawk li jkollhom id-dritt u dawk li kontra tagħhom dawk l-istess dritt jikkompeti. Jekk is-sekwestratarju konvenut jidhirlu li tkun meħtieġa fl-inte-*

*ress tiegħu l-preżenza tad-debitur, huwa jista' jitlob l-intervent tiegħu f'dak il-ġudizzju.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, wara li ppremetta li huwa, fit-23 ta' Diċembru 1957, ottjena minn din il-Qorti l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra l-konvenut Joseph Tonna nomine, u f'idejn il-konvenuti l-oħra Joseph Schembri u Salvatore Debono (dok. A); u peress li l-attur, fl-10 ta' Mejju 1958, ottjena minn din il-Qorti l-ispedizzjoni ta' mandat għas-sejħa għad-depożitu wara notifika ta' mandat ta' sekwestru (dok. B); u peress li l-istess konvenuti Joseph Schembri u Salvatore Debono ma ddepożitawx l-ammont li huma għandhom f'idejhom appartenenti lill-konvenut l-ieħor Joseph Tonna nomine; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab li l-konvenuti Joseph Schembri u Salvatore Debono jiġu kundannati minn din il-Qorti li jiddepożitaw l-ammonti li jirriżultaw *fit-trattazzjoni tal-kawża li huma għandhom f'idejhom* appartenenti lill-imsemmija eredità ġjaċenti ta' Alfred sive Effie Tonna. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Diċembru 1957, u tal-mandat għas-sejħa għad-depożitu tal-10 ta' Mejju 1958;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Mill-attijiet tal-kawża jidher li l-instanti, bħala kreditur debitament kanonizzat minn din il-Qorti b'sentenza tagħha tas-27 ta' Novembru 1957 kontra l-eredità ġjaċenti ta' Alfred *sive* Effie Tonna, regolarment rappreżentata, fit-23 ta' Diċembru 1958 ottjena minn din l-istess Qorti l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra d-debitur tiegħu u f'idejn is-sekwestratarji Joseph Schembri u Salvatore Debono, il-konvenuti f'din il-kawża; għal u fuq liema att, l-istess sekwestratarji ma għamlu ebda dikjarazzjoni: u wara li bl-ittra uffiċjali tat-30 ta' Diċembru 1957, *lilhom debitament notifikata fit-3 ta' Jannar 1958*, is-sekwestratarji fuq imsemmija baqgħu ma ddikjarawx xi flejjes jew oġġetti oħra kellhom ta' proprjetà tad-debitur tal-attur, fl-10 ta' Marzu 1957 ottjena minn din il-Qorti

l-ispedizzjoni ta' mandat għas-sejħa għad-depożitu; għal liema sejħa l-istess sekwestratarji fuq menzjonati ma għamlu l-ebda depożitu; b'mod li l-attur kellu jmexxi l-quddiem il-kawża odjerna;

Ikkunsidrat;

Illi, skond il-liġi, is-sekwestratarju li jkun jirrisjedi fil-Gżira fejn tkun tinsab il-Qorti li toħroġ il-mandat għandu, jekk ikun ġie nterpellat b'ittra uffiċjali sabiex jagħmel dikjarazzjoni dwar xi flejjes jew ħwejjeġ oħra li huwa jkollu ta' pertinenza tas-sekwestrat, fi żmien erbgħa tijiem jiddikjara lir-Reġistratur tal-Qorti li tkun spediet il-mandat, kwante volte ma jkunx għamel dik l-istess dikjarazzjoni lill-marixxall eżekutur fil-waqt tal-eżekuzzjoni; l-għaliex, fin-nuqqas li hekk jagħmel, il-liġi tippreżumi li l-istess sekwestratarju fil-fatt ikun jippossjedi flejjes jew ħwejjeġ oħra konnessi mal-att eżegwit. Din id-dikjarazzjoni tas-sekwestratarju tista' ssir b'ittra uffiċjali, li għandha tkun notifikata lill-eżekutant salv li jsir dak li jingħad fil-liġi għall-awtentikazzjoni tagħha (ara art. 379 Kap. 15). Huwa wkoll mill-istess leġislatur stabbilit li l-eżekutant jista' jintima lis-sekwestratarju per mezz ta' att proċedurali "ad hoc", maħsub fil-liġi "di rito", jiddepożita l-flejjes u oġġetti oħra sekwestrati. jew l-istess sekwestratarju jista' minn jeddu, jekk ma ikunx irid jinżammu l-flejjes jew ħwejjeġ oħra sekwestrati, jgħaddi għad-depożitu tagħhom il-Qorti, salv li jinnotifika bid-depożitu lill-eżekutant u lid-debitur (art. 380 Kap. 15);

Ikkunsidrat;

Illi l-preżunzjoni kontemplata fl-art. 379 hija "iuris tantum", u tista' tiġi kontraddetta bi provi u preżunzjonijiet kuntrarji (ara Kummerċ 24 ta' Novembru 1863. "Muscat vs. Souchette". Vol. III, paġ. 211. Col. 2da. in fine; Appell 2 ta' Diċembru 1864. Muscat vs. Souchette" Vol. III. p. 213, col. 2da. in fine; Kummerċ 15 ta' Marzu 1888. "Scicluna ne. vs. Chapelle et.". Vol. XI. paġ. 560, col. 1ma. in fine u col. 2da. in primis);

Illi minn dan jitnissel li, għalkemm is-sekwestratarji

li ma jkunux għam'lu ebda dikjarazzjoni dwar x'għandhom fil-pussess tagħhom tal-eżekutat, fuq mandat tant eżekuttiv kemm kawtelatorju, ikunu preżunti li huma għandhom flejjes u ħwejjeġ tad-debitur (ara art. 379(2) u 852 Kap. 15), eppure hu leċitu għalihom bi provi u preżunzjonijiet jikkumbattu dik l-istess preżunzjoni;

Illi jingħad ukoll li l-attur ċeda l-kawża in kwantu hija diretta kontra Joseph Tonna nomine. Del resto, is-sekwestranti li jipprevali ruħu mill-fakoltà li tagħtieh il-liġi sabiex jeżerċita d-dritt tiegħu skond l-art. 380(1) Kap. 15, ma għandux l-obligu li jiċċita s-sekwestrat; u l-ġudizzju jibqa' integru mill-mument li jieħdu parti fih dawk li jkollhom id-dritt u dawk li kontra tagħhom dak l-istess dritt jikkompeti. Jekk il-konvenut ikun jidhirlu li l-eżekutat huwa meħtieġ li jkun preżenti fl-interess tiegħu, huwa jista' jitlob l-intervent tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi, stabbiliti l-prinċipji legali fuq esposti, din il-Qorti sejra tgħaddi għall-applikazzjoni tagħhom fil-konfronti taż-żewġ konvenuti sekwestratarji;

Illi, kwantu għall-konvenut Joseph Schembri, ma jistgħax ikun hemm dubju . . . .;

Illi, dwar il-konvenut l-ieħor Salvatore Debono, jirriżulta li . . . . . . ;

Illi ma hemmx bżonn jingħad li d-depożitu fir-rapporti bejn is-sekwestrat u s-sekwestratarju jekwivali għallpagament; u kwindi l-interessi huma dovuti sal-jum li jsir id-depożitu;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tikkundanna lill-konvenut Joseph Schembri jiddepożita skond il-liġi l-ammont ta' £33. 6. 7, bl-imgħax kummerċjali fuq il-kapital ta' £25 mill-

15 ta' Diċembru 1955 sal-jum tad-depożitu, u lil Salvatore Debono l-ammont ta' £461. 12. 7, bl-imgħaxijiet kummerċjali mill-jum tat-2 ta' Lulju 1957, akkont, . . . . bl-ispejjeż tassabbli bħal fil-każ ta' ammissjoni għall-konvenuti, kull wieħed skond id-depożitu tiegħu, u dak li sewa għat-tnejn nofs kull wieħed; u b'dan li l-konvenut *Debono jrid ukoll* iħallas l-ispejjeż tad-digriet tal-Imħallef Supplenti u l-attendenzi u spejjeż ulterjuri konnessi ma' dik il-proċedura; u tastjeni ruħha milli tiddeċidi t-talba kontra Joseph Tonna għax rinunzjata.